Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali

# Minuti

**Data:** It-Tnejn, 25 ta' Marzu 2019

**Post:** Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali

**Ħin:** 17:30

**Preżenti**:

Is-Sur Mario Fava – President
Is-Sur Michael Fenech Adami – Membru
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Anthony Mifsud - Membru
Is-Sur Mark Grech – Membru
Is-Sinjura Graziella Galea – Membru

**Skużat:**
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
Chev Paul Farrugia – Viċi President
Is-Sur Joseph Cordina – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**

Snr. Lianne Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## 19.1 Preżentazzjoni u Approvazzjoni tal-ittri tal-Apoloġija

19.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta l-ittri ta' apoloġija mibgħutha mis-Sur Joseph Cordina, Dr. Samuel Azzopardi u Chev. Farrugia.

19.1.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Jesmond Aquilina, l-Eżekuttiv aċċetta l-apoloġiji preżentati.

## 19.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 18

19.2.1 Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 18.

19.2.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Michael Fenech Adami, l-Eżekuttiv approva l-minuti tal-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.18.

## 19.3 Punti li joħorġu mill-minuti

| | |
|---|---|
| **19.3.1 Ftehim Kollettiv Ħaddiema Klerikali** | Il-President li kien hemm korrispondenza min-naħa tal-UHM fejn il-Union preżentat lista ta' responsabbilitajiet li l-ħaddiema klerikali qegħdin jagħmlu. Għandhom jiġu skedati l-laqgħat biex jitkomplu d-diskussjonijiet. |
| **19.3.2 Health & Safety** | Il-President semma li tkomplew is-sessjonijiet ta' taħriġ. Semma wkoll li kien hemm rispons tajjeb min-naħa tal-Kunsilli Lokali u l-ispiża ta' finanzjarjament għal parti minn dan it-taħriġ, min-naħa tal-Assoċjazzjoni ser tkun ta' madwar €1,000. |
| **19.3.3 Sejħa għas-servizzi tal-assigurazzjoni għall-Assoċjazzjoni** | Il-President semma li wara talab li kien hemm min-naħa taż-żewġ operaturi li tefgħu s-sejħa tal-offerti, l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tiltaqa' maż-żewġ partijiet. |

**19.3.4 Eyetech**

Il-President semma l-kumpanija reġgħet bgħatet statement ta' ħlas pendenti, filwaqt li l-Assoċjazzjoni bagħtet komunikazzjoni biex terġa' tfakkar il-kumpanija li għadha qed tistenna laqgħa magħhom. Il-kumpanija kkonfermat il-laqgħa għat-Tnejn, 25 ta' Marzu biss pero l-ebda rappreżentant tal-kumpanija ma attenda għal din il-laqgħa. Għaldaqstant, l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tikkomunika mal-kumpoanija li min-naħa tal-AKL m'hemm l-ebda kummenti oħra xi żied u għaldaqstant, il-każ huwa magħluq.

**19.3.5 Sejħa għall-offerti fuq servizz ta' Traffic Management System li titratta l-Ħruġ ta' Permessi**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ħarġet Sejħa ta' Interess, kien hemm kumpanija waħda li ġabret id-dokument mill-uffiċini tal-AKL u għaldaqstant l-Assoċjazzjoni qed tistenna li jintefgħu l-offerti sad-data stipulata. Din is-sistema ser tgħin biex wieħed ikun jista' japplika għall-permessi online u kif il-Kunsill jaċċetta l-pagament, il-permess jiġi inforzat u kif ukoll jekk ikun hemm il-ħtieġa, it-triq tiġi magħluqa. Il-President semma li l-enititajiet diversi ser ikunu wkoll imħajra jużaw is-sistema.

**19.3.6 Rinovar tal-Latrini f' Żoni Turistiċi**

Il-President semma li għad m' hemm l-ebda żvilupp fuq dan il-proġett. Saret biss laqgħa introduttorja mal-Kunsilli Lokali li ser ikunu parteċipi.

**19.3.7 Video Clip**

L-Assoċjazzjoni ġabret il-kwotazzjonijiet meħtieġa u ser jibda x-xogħol biex dan jitlesta sa l-aħħar t' April. Fuq proposta tal-President, l-Eżekuttiv qabel li għandhom jinġabbru kwotazzjonijiet għal slots fuq l-AKL fuq l-istazzjonijiet televiżivi. Il-President talab lis-Segretarja biex tiċċirkula l-script mal-kumplament tal-Membri tal-Eżekuttiv.

**19.3.8 Sejħa tal-offerti għall-kontroll tal-ħamiem fil-lokalitajiet**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ħarġet stqarrija bi tweġiba għall-artikli li ħarġu fuq il-ġurnali lokali u anki l-aħbarijiet. Stqarrija tinsab annessa mal-korrispondenza u mmarkata bħala Dok A. Il-President semma li fil-jiem

li ġejjin ser ikomplu għaddejjin id-diskussjonijiet mal-entitajiet u d-Dipartimenti kkonċernati filwaqt li ssir l-aġġudikazzjoni tas-sejħa tal-offerti.

**18.3.9 Risk Assessment**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni għaddeja bl-arranġamenti neċessarji biex ittejjeb dak li huwa eżistenti filwaqt li tiġi konfermi mar-regolamamenti imposti tas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol. Semma li kienu għaddejjin xi xogħlijiet biex issiru emergency lightning fil-binja.

**18.3.10 Fondi tal-LESA**

Il-President semma li ser jibdew il-ħlasijiet mil-LESA għall-spejjeż pendenti li għandhom jgħaddu lir-Reġjuni. Semma wkoll li possibbilment ikunu hemm ukoll il-fondi maħruġin mil-LESA għall-attivitajiet kulturali u inizjattivi oħra għall-ġid tl-kommunita'.
L-Assoċjazzjoni ser tkun qed tippreżenta sett ta' linji gwida kif ukoll format ta' kif irridu jiġu ppreżentati l-proposti kif ukoll format ta' kif tris issir it-talba tal-ħlas li tkun preżentata ma' rapport finali.

**18.3.11 Bus Shelters**

Il-President semma li TM bagħtu ittra legali wara li l-AKL talbet għal-laqgħa formali ma' l-istess entita'. Il-President semma li din qed tiġi diskussa mal-avukat tal-Assoċjazzjoni.

**18.3.12 Siġar ġewwa Triq il-Wied Birkirkara**

Il-President semma li fuq talba tas-Sur Michael Fenech Adami, l-Assoċjazzjoni intervjenit mal-Awtoritajiet ikkonċernati biex tkun tista' tittieħed azzjoni.

**18.3.13 Pjan Strateġiku Nazzjonali mal-Protezzjoni Ċivili**

Il-President semma li bdiet il-komunikazzjoni mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili.

**18.3.14 Sistema Diġitali tad-Data**

Il-President semma li l-ewwel fażi tal-proġett hija lesta u ġew identifikati l-proċess amministrattivi fi ħdan l-Assoċjazzjoni. Ser jitkomplew il-laqgħat biex dak li ġie ddentifikat li jista' jiġi pproċessat awtomatikament, jibda jinbena ġo sistema ta' database. Il-President

semma li dan għandu jkun il-bidu u eżempju biex il-Kunsilli u l-Kumitatti Reġjonali jimxu fuq dan l-eżempju.

**19.4 Skema għall-Anzjani b' kollaborazzjoni ma' Heritage Malta**

19.4.1 Il-President semma li bdew diskussjonijiet ma' Heritage Malta biex il-Kunsilli Lokali jipparteċipaw fi skema simili għal dik li Heritage Malta għamlet mat-tfal fl-iskejjel.

19.4.2 Il-President semma li huwa intenzjonat li l-iskema tkun miftuħa biex residenti anzjani ta' kull lokalita' japplikaw biex jissieħbu f' din l-iskema. L-anzjani jkunu jistgħu jidaħlu żgħażagħ b' xejn magħhom fis-siti storiċi.

**19.5 Kommunikazzjoni mill-President**

| | |
|---|---|
| **19.5.1 Integrazzjoni fil-lokalitajiet** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet parteċipi f' diskussjonijiet waqt laqgħa li għaliha attendew il-kapijiet tal-komunitajiet. L-Assoċjazzjoni ser tkun qed titlob għal-laqgħa ma' l-Onor. Julia Farrugia biex jaraw il-possibilita' li l-Kunsilli jkollhom informazzjoni biżejjed biex ikunu jistgħu jibnu informazzjoni fuq ir-residenti ta' nazzjonalitajiet diversi li jkunu jgħixu fil-lokal. |
| **19.5.2 Tribunal Industrijali** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kellha seduta oħra tal-kawża miftuħa mis-Sa. Testaferrata De Noto. F' din is-seduta telgħu jagħtu x-xhieda tagħhom il-President flimkien mal-Viċi Presidenti. Il-President semma li għadd fadal l-aħħar siegħa għad-dispożizzjoni tal-AKL biex ittellgħa x-xhieda min-naħa tagħha. Il-President talab lill-Eżekuttiv li jekk hemm xi Membru ieħor li jrid jitla' jgħati x-xhieda, kemm jinforma lis-Segretarja biex tkun tista' tikkordina mal-avukat tal-Assoċjazzjoni. |
| **19.5.3 Audit 2018** | Il-President semma li l-awdituri assenjati mal-Assoċjazzjoni lestew mill-awditajr għas-sena 2018. L-Assoċjazzjoni qed tikkontesta xi rimarki li għamel l-awditur u ser tkun qed tiltaqa' mal-awdituri għall-aktar spjegazzjoni. |

## 19.6 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 19

19.6.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Anthony Mifsud u s-Sur Jesmond Aquilina ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn 1 ta' Marzu 2019 u 25 ta' Marzu 2019 li kienet tammonta għall-€48,551.61.

## 19.12 Aġġornament

19.12.1 Il-Laqgħa aġġornat fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar il-Ħamis, 25 t' April 2019 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

**Lianne Mifsud**

**Segretarju Eżekuttiv**

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.20 li nżammet nhar itl-Erbgħa, 24 t' April 2019.

**Mario Fava**

**President**

DOK A

Local Government
Association

**AKL 01/2019 Stqarrija- 13.03.19**

**Qbid tal-Ħamiem**

L-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali tistqar li għal diversi xhur ijlha tilqa' ilmenti minn Kunsilli Lokali varji li ovjament dawn qed iwasslu leħen ir-resident, bil-problema ta' inkonvenjenza li qiegħed joħloq il-ħamiem li jinġabar fi qtajja' f' diversi lokalitajiet f' żonijiet strateġiċi. Il-Kunsilli Lokali saħansitra għamlu by law li tippenalizza lil min jinqabad jitma' lill-ħamiem, dan għaliex kulħadd jaf xi ħsara u inkonvenjent jinħoloq mill-ħmieġ li jħalli warajh.

L-Assoċjazzjoni ma qablitx ma' dawk il-Kunsilli Lokali li kienu qed jeleiminaw il-ħamiem billi jisparaw fuqhom, dan għaliex li l-Assoċjazzjoi temmen li dan ma kienx mod ċivili ta' kif wieħed jirisolvi din il-problema. Għaldaqstant, l-Assoċjazzjoni kienet infurmata li d-Dipartiment tas-Saħħa kien ħareġ sejħa għall-offerti biex jibda tiġi kontrollata din il-problema. Kien hawnhekk li l-Assoċjazzjoni bdiet komunikazzjoni ma' l-istess Dipartiment fejn wara diversi ġimgħat ta' stennija ġejna infurmati li s-sejħa kienet ġiet irtirata minħabba ċirkustanzi li ma kienx hemm kontroll fuqhom.

Għaldaqstant, l-Assoċjazzjoni għal darb' oħra għarfet li l-Kunsilli Lokali ser jerġgħu jitħallew mingħajr assistenza biex jirrisolvu l-problema u d-diversi ilmenti li ta' kulljum jidħlu minn resident li qegħdin jiġu affettwati. L-Assoċjazzjoni kellha taħdiet anki mas-Supretendent tas-Saħħa Pubblika fejn anki ġie diskuss l-Cabinet Memo 171 XIII 27/12/2017. Liema Memo tirreferi għall-ħsara li issir mill-ħmieġ tal-ħamiem u li jista' jikkawża mard. L-għan kien li jsir assesjar tas-sitwazzjoni li jiġu suġġeriti miżuri biex jikkontrollaw is-sitwazzjoni. L-istess kommunikat jitkellem dwar ir-risku fuq is-saħħa tal-bniedem. Anki minn studji li saru fl-2010 ġewwa Madrid fi Spanja sabu li 70% tal-ħamiem kien infettat b' mard li jista' jikkawża infezzjonijiet, filwaqt li kien hemm ukoll anki li qed iġorr mard bħas-Salmonella.

Wara li kien hemm studju ta' metodi differenti li bih jista' jiġi kontrollat dan il-ħamiem, ġie suġġerit li bħala metodu sostenibbli jintuża l-metodu ta' cage trapping, li kien ukoll l-aktar mod uman li bih jiġi mabud il-ħamiem, filwaqt li dan jiġi wkoll msaħħaħ b' liġi li tipprojbixxi għal kollox li wieħed jitma' l-ħamiem f' postijiet pubbliċi. Kien għalhekk li l-Assoċjazzjoni ħadet l-irwol u r-responsabbilita' li jista' jkun kull Dipartiment qadt lura li jieħu u toħroġ sejħa għal dan is-servizz biex anki tassiti l-Kunsilli Lokali fil-problema li qed jaffaċjaw.

L-Assoċjazzjoni marret oltre minn dak li kien mistenni minnha u saħansira kienet għaddeja f' diskussjonijiet mal-Ministeru al-Ambjent biex naċċertaw li l-kuntrattur jingħata post fl-Għammieri fejn ikun jista' jitfa' l-ħamiem li jaqbad minn lokalitajiet diversi. Għaldaqstant, s-sejħa li ħarġet l-Assoċjazzjoni ma tagħtix responsabbilita' lill-kuntrattur biex jiddisponi minnhom billi jagħti ikel valenuż lill-ħamiem. L-Assoċjazzjoni ħadet il-passi kollha neċessarji biex is-sejħa tkun konformi ma' dak li ġie mifthiem u maqbul fil-kabinet.

Għaldaqstant, l-Assoċjazzjoni tixtieq tinforma lill-pubbliku li jista' jkun li ġie miżgwidat b' xi artikli li ttellgħu fuq il-midja soċjali li l-Assoċjazzjoni fl-ebda punt ma' qablet jew iddiskutiet li l-ħamiem li jinqabad għandu jiġi vvalenat. Fil-jiem li ġejjin l-assoċjazzjoni ser tkun qed tkompli b' diskussjonijiet kemm mal-Minsteru tal-Ambjent kif ukoll ma' għaqdiet favur id-drittijeit tal-annimal biex dan is-servizz jidħol fis-seħħ filwaqt li wieħed jieħu l-prekawzjonijiet kollha biex ma jkunx hemm ksur tad-drittijiet tal-annimal. Biss nassiguraw li l-Assoċjazzjoni ħadet il-passi li kienu maqbula bejn l-Awtoritajiet imma li kien għadu ħadd ma ħa r-responsabbilita' li joffri s-servizz.

**Mario Fava**

**President**

Local Government Building,
Local Government Road,
Marsa Industrial Estate,
Marsa - MALTA.
T: +356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt